

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 25.3.2011  
KUMM(2011) 155 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE**

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti<sup>1</sup> l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, b'limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun, li ma jinkludix l-intestaturi relevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002<sup>2</sup>.

Abbażi tal-applikazzjoni għal assistenza mill-Fond mis-Slovenja, il-Kroazja u r-Repubblika Ċeka relatata mad-diżastri tal-għargħar li sehew f'Settembru tal-2010, l-estimi totali tal-ħsara li ġiet ikkaġunata huma kif ġej:

Stat Benefiċjarju	Ħsara diretta	Limitu minimu			(f'EUR)
			Ammont ibbażat fuq 2.5 %	Ammont ibbażat fuq 6%	Ammont totali tal- ghajjnuna proposta
Is-Slovenja – għargħar ta' Settembru 2010 "diżastru maġġuri"	251 300 861	217 669 000	5 441 725	2 017 912	7 459 637
Il-Kroazja – għargħar ta' Settembru 2010 "il-kriterju ta' pajjiż ġar"	47 002 839	275 804 000	1 175 071	-	1 175 071
Ir-Repubblika Ċeka – l-għargħar ta' Awwissu tal-2010	436 477 560	824 029 000	10 911 939	-	10 911 939
<b>Total</b>					<b>19 546 647</b>

Fid-dawl tal-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet<sup>3</sup>, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 18 371 576 u EUR 1 175 071 li għandhom ikunu allokati taħt l-intestatura 3b u 4 tal-qafas finanzjarju rispettivament.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, il-Kummissjoni qiegħda tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata tat-trilogu, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex jinkiseb il-ftehim taż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit dwar il-ħtieġa li jiġi użat il-Fond u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lil kull fergħa tal-awtorità tal-baġit li tinforma lill-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha.

Fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' ftehim minn waħda miż-żewġ fergħat tal-Awtorità tal-Baġit, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trilogu.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2011) 218 u SEC(2011) 373 dwar l-applikazzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea mressqa mis-Slovenja, il-Kroazja u r-Repubblika Ċeka rispettivament.

Il-Kummissjoni ser tressaq abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, fil-baġit tal-2011 jiddaħħlu approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>5</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni<sup>6</sup>,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mmobilizzat.
- (4) Is-Slovenja, il-Kroazja u r-Repubblika Ċeka ressqu l-applikazzjoni tagħhom għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastri kkaġunati minn għargħar kbir.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 19 546 647 f'approprijazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

---

<sup>4</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>5</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>6</sup> ĠU C [...], [...], p. [...].

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*